# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU 1384

Kaz Nru 1595

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Simon Scicluna

u

DI Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Data: 27 ta' Frar 2003

**Chairman: is-Sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz intbaghat lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fit-22 ta' Novembru 2001 b'riferenza MSP/TI/85/2001 wara li l-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem Simon Scicluna kiteb lill-Ministru biex jinfurmah li l-istess Simon Scicluna kien safa' llicenzjat allegatament kontra l-ligi mis-socjeta` DI Limited. Il-Kumpanijja Appellata li kienet rapprezentata mill-Avukat Andre` Zerafa innegat dan. Gew mizmuma 11 il-seduta.

## 2. Fatti tal-Kaz

Fl-14 ta' Settembru 2001 ic-*Chairman* tal-Kumpanijja Appellata, s-sur Carlo Babini, fil-presenza tas-sur Alberto Peri, direttur tal-istess socjeta`, ipprezenta ittra datata 12 ta' Settembru 2001 lill-Appellant u wara li talbu jaghmel il-kummenti tieghu illicenzjah. L-ittra kienet tillistja "*a series of deficiencies*". Tispicca b'dawn il-kliem "*You are therefore earnestly invited to commence searching for alternative employment in order to avoid*

*aggravating your situation, which will lead to your outright dismissal*". Hemm nuqqas ta' qbil x'gara ezatt meta l-Appellant kien prezentat bl-ittra. Skond il-Kumpanijja Appellata Simon Scicluna accetta n-nuqqasijiet li kienet tindika. Mill-banda l-ohra l-Appellant jghid li ma ta l-ebda reazzjoni ghax qal li kienet "bhal sajjetta fil-bnazzi" li hasditu u ghalhekk ma ghamilx kummenti fuqha.

Il-Kumpanijja Appellata tirritjeni li billi l-Appellant lanqas ipprova jiggustifika ruhu ma kelliex triq ohra hlief dik li tillicenzjah.

L-Appellant jghid illi huwa kellu risposta ghall-allegati deficjenzi li gie affaccjat bihom u ghalhekk il-licenzjament tieghu ma kienx gustifikat.

## 2. Kunsiderazzjonijiet

Ma' tul il-kors tas-smiegh tal-kaz l-Appellant kien addebitat b'diversi nuqqasijiet, hafna minnhom issostanzjati bil-provi u ohrajn ta' natura vaga. L-ittra li nghatat bl-idejn fl-14 ta' Settembru 2001 tissintetizza dawn l-allegati nuqqasijiet li jistghu jigu ggruppati fi tliet taqsimiet: (1) nuqqas ta' kura ta' impjant u ghodda tal-Kumpanijja li kien juza l-Appellant, (2) li l-Appellant ma jaghtix hin bizzejjed lill-Kumpanijja ghaliex ma' tul il-hin tax-xoghol ikun qed jaqdi bzonnijiet personali tieghu, u (3) il-Kumpanijja ma kinitx sodisfatta bil-*performance* generali tal-Appellant.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-akkuzi kollha li kienu koperti taht dawn it-tliet gruppi. Taht l-ewwel parti jidher li l-ilment principali kien li xi ftit taz-zmien wara li beda' jahdem mall-Kumpanijja Appellata l-Appellant kellu ghad-disposizzjoni professjonali tieghu *computer* sofistikat gdid li sviluppatlu xi hsara fih meta kien ghadu fil-perijodu ta' garanzija u l-Appellant naqas li javza lis-superjuri tieghu tant li meta fil-fatt giet rappurtata l-hsara kien skada l-perijodu ta' garanzija. Ir-rizultat kien li l-Kumpanijja Appellata kellha tohrog somma gmielha biex dan l-apparat jissewwa. L-Appellant jinnega dan, jghid li avza tempestivament lis-Sur Sandro Grigolo, Kap tal-Purchasing. Jghid ukoll li kien avza lis-Sur Alberto Peri u s-sur Stephen Gatt. Is-sur Peri jammetti li kien jaf bil-hsara qabel ma skadiet il-garanzija, jghid li ta ordni lill-Appellant biex jaghmel arrangamenti biex il-*computer* jintbaghat l-Italja minn fejn inxtara izda l-Appellant ma obdiex l-ordni, ipprova jirrangah hu u wara li deher li kien irrangah ghaddew xi granet u rega' thassar. Sadattant il-garanzija skadiet u l-kumpanijja wehlet somma gmielha ghat-tiswija.

Nigu ghat-tieni akkuza li l-Appellant kien juza hin ta' fuq ix-xoghol ghall-htigijiet personali tieghu. Dana jinkludi numru kbir ta' telefonati personali, uzu tal-*computer* ghall-affarijiet personali u nuqqas ta' disposizzjoni meta jkun hawn xi direttur mill-Italja. Jidher li l-Appellant kien jaghmel uzu mit-telefon ghall-ragunijiet personali tieghu. Huwa ma jinnegax dan. Li ma jaqbilx huwa man-numru ta' sejhiet li gie addebitat bihom. Il-Kumpanijja Appellata ghandha sistema li biha tista timmonitorja s-sejhiet li jsiru minn kull *extension*. Giet prezentatha lista tal-*calls* kollha li saru mill-Appellant li jidher li huwa veru kien jaghmel sejhiet personali. Del resto huwa stess jammetti, izda jirritjeni li xi sejhiet indikati li huma maghmulin minnu, setghu saru mit-telefon tieghu izda mhux necessarjament minnu peress illi kien hemm id-drawwa illi kull min ikun ghaddej minn hemm u jkollu bzonn icempel setghu forsi uzaw it-telefon tieghu. Barra minn hekk huwa indika n-numri tat-telefon li saru minnu, bhal per ezempju d-dar ta' ommu, l-gharusa tieghu, fuq xoghol li qed isir ghad-dar il-

gdida tieghu etc. Certament ma kienux sieghat shah fuq it-telefon kif xehed is-sur Stephen Gatt. It-Tribunal anke jekk jaccetta t-tezi tal-Appellant li fil-fatt ghamel numru hafna izghar ta' telefonati mill hemm indikat mill-Kumpanijja Appellata ma jista qatt jaccetta l-argument tieghu li la ma kienx imwissi ma kienx hati ta' din l-offiza. In-normi ta' imgieba kemm professjonali kif ukoll fuq livell etiku jindikawlek li uzu mill-propjeta` ta' haddiehor huwa nuqqas. F'dan il-grupp hemm ukoll l-uzu mhux permess tal-*computer* tal-Kumpanijja Appellata ghall-affarijiet personali. It-Tribunal ma jistghax jaccetta il-provi presentati mill-Kumpanijja Appellata ghas-semplici raguni li l-*folders* appartenenti ghall-Appellant li kien hemm fuq il-*hard disk* instaghabu wara li l-Appellant kien licenzjat (David Muscat, Planning and Projects Manager 8.3.02). Huwa principju rikonoxxut illi dik l-informazzjoni li tigi a konjizzjoni ta' *employer* wara l-licenzjament ma ghandhiex tkun uzata kontra l-impjegat. Stephen D. Anderman fil-ktieb tieghu "The Law of Unfair Dismissal" 3rd edition pagna 137 jghid "*Any information that becomes available to the employer after the dismissal is normally not admissable on the question of reasonabilness of his decision to dismiss, even if the information consists of evidence of misconduct by the employee*". Hemm gjurisprudenza shiha fl-Ingilterra f'das-sens. Fl-ahharnett jidher li minhabba impenji li kellu l-Appellant minhabba li kien qed jibni d-dar tieghu ma kienx dejjem possibbli illi jikkordina l-hin tax-xoghol tieghu biex jakkomoda l-hinijiet mhux dejjem normali ta' diretturi Taljani li jzuru l-Kumpanijja Appellata. Hawn ukoll ma tantx ghandu ragun l-Appellant ghaliex il-posizzjoni li kellu kienet tirrikjedi flessibilita fil-hinijiet tieghu molto piu` li f'certu zmien kien jinghata l-*overtime* ukoll. Barra minn hekk bhala impjegat professjonali li suppost jaghti sehemu sewwa ma kellux jissubordina l-hin ta' direttur tieghu ghal tieghu personali. Ta' min jghid illi l-Appellant stqarr illi hafna drabi kien joqghod sa tard filghaxija. Izda n-nuqqas, irid jinghad, li kien hemm.

Ghal dak li huma l-offizi li jaqghu taht it-tielet grupp l-ikbar akkuza hija dik dwar in-nuqqas ta' *commitment* li allegatament kellu l-Appellant. Hawn jidhol certu ammont ta' soggettivita` peress li ma jidhirx li kien hemm xi sistema formali ta' *appraisal*. Jidher li kien hemm xi lanjanza mill-Kumpanijja Appellata li kienet gustifikata, haga li anke l-istess Appellant ammetta (seduta tal-4 ta' Settembru 2002 fol.34). Izda huwa jirritjeni li inghata zieda ta' £M50 darbtejn, inghata l-*overtime* ukoll. Gieli gie imfahhar mis-superjuri tieghu. Dana kollu jindika li mhux biss qeda' dmiru kif mehtieg izda wkoll b'certa efficjenza. Jekk xi drabi ingibditlu attenzjoni ghal xi nuqqas zghir huwa interpreta dan bhala taghlima biex darb'ohra jahdem mod iehor. Il-Kumpanijja mill-banda l-ohra tghid li ghad li fil-bidu kien juri interess qawwi u efficjenza biz-zmien dan inbidel tant li kellhom jaghtuh doveri godda ghax ma setghax isaddad mas-superjur originali tieghu.

Mill-provi li gew prodotti waqt is-smiegh tal-kaz jidher car li ebda twissijiet formali bil-miktub ma qatt inghataw lill-Appellant. Gieli ingibditlu l-attenzjoni verbalment dwar allegati nuqqasijiet. Izda dawk kienu iktar taht forma ta' korrezzjoni milli twissijiet. It-twissija unika bil-miktub li qatt inghatatlu kienet dik fl-ittra tat-12 ta' Settembru 2001 moghtija lilu fl-14 tal-istess xahar. Izda l-istess dicitura u c-cirkostanzi li fihom inghatat, li kienu jinkludu licenzjament sommarju, jitfghu dubju fuq in-natura taghha bhala twissija, barra s'intendi mill-fatt li hija l-unika wahda. In-necessita` ta' twissijiet formali (possibilment, izda mhux necessarjament bil-miktub) giet kemm il-darba enfasizzata mit-Tribunal Industrijali, anke diversament presjedut. L-iskop ta' twissijiet huwa wiehed li employer ragonevoli juza biex jaghti cans lill-impjegat li jbiddel ir-rotta tieghu u jekk le jigi indikat lilu l-konsegwenzi. L-

*Employment Appeals Tribunal* fl-Ingilterra fil-kaz Plasticers Ltd vs Harold Amos jigbor tant tajjeb fi ftit kliem it-tifsira ta' twissija. It-twissija, jghid dan it-Tribunal Ingliz "*is only shorthand for steps which ought to be taken by the management and could otherwise be described in a case like this, as efforts to try to make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful*". Fil-kaz in ezami gie mistqarr mic-*Chairman* Carlo Babini (10 ta' Lulju 2002 fol.30) li ga kien ha decizjoni ta' licenzjament tal-Appellant qabel ma kien tah l-ittra imsemmija. Ghaldaqstant il-valur ta' din l-ittra bhala twissija ma jeziztix. Nistghu mela nghidu li qatt ma kien hemm twissijiet kif tehtieg il-prattika. L-argument tal-Kumpanijja Appellata li minhabba fil-posizzjoni tal-Appellant twissijiet ma kienx hemm bzonn ma jregix. Il-metodu tat-twissija jista jinbidel izda twissijiet hemm bzonn.

It-Tribunal jidhirlu li r-ragunijiet migjuba ghall-licenzjament tal-Appellant huma ta' natura serja izda la wahedhom u lanqas komplessivament ma huma tali li jimmeritaw li l-Appellant jinghata s-sanzjoni estrema ta' tkeccija. Irid jinghad kif inghad drabi ohra minn dat-Tribunal illi raguni valida ghal-licenzjament trid tkun mhux biss gusta izda ukoll sufficjenti.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali jsib illi l-licenzjament ta' Simon Scicluna minn ma' DI Limited ma sarx ghal raguni gusta u valida. Minhabba fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-artikolu 33(2) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) mhux qed jordna *re-engagement.*

**5. Kumpens**

Wara li ikkonsidra z-zmien li l-Appellant ghadda minghajr *job*, is-salarju li kellu qabel ma tkecca u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jillikwida l-ammont pagabbli mis-socjeta` DI Limited lil Simon Scicluna fl-ammont ta' £M900 li ghandhom jithallsu mhux iktar tard minn xahar mid-data odjerna.

**6. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja